



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 18 ta' Ġunju 2004

**10679/04
ADD 1**

CONCL 2

ADDENDUM GĦAN-NOTA TA' TIFSIRA

minn:	Presidenza
lill:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL 17 U 18 TA' ĠUNJU 2004

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-Delegazzjonijiet isibu hawn meħmuż l-Addendum għall-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (17 u 18 ta' Ġunju 2004).

KONTRIBUZZJONI GĦALL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL EWROPEW

Il-Konferenza Intergovernattiva, li Itaqgħet fuq il-livell ta' Kapijiet ta' Stat jew Gvern, waslet għal ftehim dwar l-abbozz tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa abbażi tat-testi fid-dokumenti 81/04 u CIG 85/04. L-editjar legali u l-armonizzazzjoni finali tat-testi ser isir sabiex jiġi ffirmat it-Trattat qabel it-tmiem tal-2004.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-konklużjoni b'suċċess tal-Konferenza Intergovernattiva. It-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa hu pass storiku 'l quddiem fil-proċess ta' ntegrazzjoni u koperazzjoni fl-Ewropa. Bażata fuq il-ħidma tal-Konvenzjoni, il-Kostituzzjoni tistabbilixxi qafas effiċjenti, demokratiku u trasparenti għall-iżvilupp futur ta' l-Unjoni. Din ittemm il-proċess li beda meta t-Trattat ta' Ruma stabbilixxa l-qafas bażiku għall-integrazzjoni Ewropea. Bħat-Trattat ta' Ruma, din ser isservi għal ħafna snin bħala sisien ta' Unjoni għas-servizz taċ-ċittadini tagħha.
